

Brussell, 20 ta' Marzu 2023
(OR. en)

6525/1/23
REV 1

CO EUR-PREP 10
POLGEN 16
ECOFIN 157
SOC 118
EMPL 77
EDUC 57
COMPET 117
MI 121
ENV 146
ENER 81

NOTA

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil: Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill

Suġġett: Semestru Ewropew 2023
- Rapport ta' sinteżi

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż ir-Rapport ta' sinteżi mħejji mill-Presidenza dwar il-konklużjonijiet adottati mill-Kunsill dwar l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir Sostenibbli tal-2023, ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija, ir-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi u r-Rakkomandazzjoni għall-politika ekonomika taż-żona tal-euro. Id-diskussjonijiet relatati li saru f'konfigurazzjonijiet differenti tal-Kunsill fir-rigward tas-Semestru Ewropew tal-2023, matul l-ewwel fażi taċ-ċiklu, huma riflessi wkoll fid-dokument.

Kuntest

Fl-22 ta' Novembru 2022, il-Kummissjoni adottat il-"Pakkett tal-Ħarifa" għas-Semestru Ewropew tal-2023, li kien jinkludi:

- l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir Sostenibbli 2023¹, li stabbilixxa l-istrateġija tal-politika ekonomika u tal-impjiegi għall-UE, f'konformità mal-erba' dimensjonijiet tas-sostenibbiltà kompetittiva;
- ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija 2023², li rrakkomanda li sbatax-il Stat Membru għandha ssirilhom analiżi fil-fond fl-2023 biex tiġi identifikata u vvalutata s-serjetà tal-iżbilanċi makroekonomiċi possibbli;
- il-proposta għal Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi³, li analizzat is-sitwazzjoni soċjali u tal-impjiegi fl-Ewropa u enfasizzat l-oqsma li fihom sar progress, u dawk fejn kien jeħtieġ li jsir aktar;
- ir-rakkomandazzjoni għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro⁴ (rakkomandazzjoni għaż-żona tal-euro), għall-perjodu 2023-2024, li rrakkomandat li l-Istati Membri taż-żona tal-euro għandhom jieħdu azzjoni, individwalment, inkluż permezz tal-implimentazzjoni tal-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza tagħhom, u b'mod kollettiv fil-Grupp tal-Euro.

L-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir Sostenibbli (ASGS) jiddeskrivi l-prijoritajiet tal-politika ekonomika u tal-impjiegi għall-UE għat-12-il xahar sat-18-il xahar wara l-ħruġ tiegħu. Il-perspettiva ekonomika ppreżentata fl-ASGS kienet ibbażata fuq it-tbassir ekonomiku tal-Ħarifa ta' Novembru 2022 tal-Kummissjoni, li wera li wara l-ewwel nofs b'saħħtu tal-2022, l-ekonomija tal-UE kienet daħlet f'fażi ħafna aktar diffiċli.

¹ 15184/22

² 15189/22

³ 15076/22

⁴ 15180/22

Minkejja x-xokk ekonomiku kkawżat mill-aggressjoni mir-Russja kontra l-Ukrajna, it-tkabbir tal-PDG fl-UE baqa' robust fl-ewwel nofs tal-2022 u baqa' pożittiv fit-tielet trimestru. Is-swieq tax-xogħol kienu wrew li kienu partikolarment reżiljenti, u l-qgħad kien laħaq livell baxx rekord u l-impjegi kienu laħqu livell għoli rekord.

L-ASGS iddeskriva aġenda ta' politika ekonomika biex jittaffew l-impatti negattivi tax-xokkijiet tal-enerġija fuq terminu qasir u biex jitkomplew l-isforzi biex jiġi appoġġat it-tkabbir sostenibbli u inklużiv u tizzied ir-reżiljenza fit-terminu medju, filwaqt li tinżamm il-flessibbiltà biex jiġu indirizzati sfidi ġodda.

Fis-17 ta' Jannar 2023, il-Kunsill ECOFIN approva **konklużjonijiet dwar l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir Sostenibbli 2023**⁵. Il-ministri rrikonoxxew li l-ekonomija u s-soċjetà tal-UE jiffaċċjaw diversi sfidi ekonomiċi, soċjali u ġeopolitiċi li jirriżultaw mill-gwerra ta' aggressjoni mir-Russja kontra l-Ukrajna. Ġie rikonoxxut li l-prezzijiet tal-enerġija storikament għoljin, ir-rati għoljin ta' inflazzjoni, in-nuqqas ta' provvista, il-livelli oġhla ta' dejn u ż-żieda fil-kostijiet tas-self kienu qed jaffettwaw bil-qawwa ħafna unitajiet domestiċi u kumpaniji tal-UE, b'mod li kien jeħtieġ azzjoni politika rapida, mmirata u kkoordinata fil-livell tal-UE u dak nazzjonali.

Il-Kunsill qabel b'mod ġenerali li l-prijoritajiet ekonomiċi deskritti fl-ASGS u l-erba' dimensjonijiet tas-sostenibbiltà kompetittiva – is-sostenibbiltà ambjentali, il-produttività, l-ekwità u l-istabbiltà makroekonomika – għadhom jiggwidaw il-koordinazzjoni tal-politika ekonomika, fiskali u tal-impjeg tal-UE. Ġiet rikonoxxuta l-ħtieġa li tiġi ssalvagwardata l-istabbiltà ekonomika, fiskali u finanzjarja u li jiġu indirizzati l-iżbilanċi makroekonomiċi. Il-miżuri ta' politika għandhom jappoġġaw tkabbir ekwu, inklużiv, reżiljenti u sostenibbli. Il-miżuri għandhom jikkontribwixxu wkoll għall-aċċellerazzjoni tat-tranżizzjoni doppja ekoloġika u diġitali u għat-tiħ tas-sigurtà tal-enerġija, f'konformità mal-oġġettivi klimatiċi u ambjentali tal-UE fuq terminu medju u twil.

⁵ 5125/23

Għall-2023, il-Kunsill innota li s-Semestru Ewropew u l-implimentazzjoni tal-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza għandhom jibqgħu jinkwadraw il-koordinazzjoni tal-politika tal-UE. L-intenzjoni tal-Kummissjoni li tipprovdi ħarsa ġenerali olistika tal-isfidi ekonomiċi u soċjali f'kull Stat Membru, inkluż monitoraġġ mill-qrib tar-riskji emerġenti, intlaqgħet tajjeb, filwaqt li għet issottolinjata l-importanza tat-tkomplija tal-implimentazzjoni tal-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku biex jiġu indirizzati l-iżbilanċi makroekonomiċi. Madankollu, il-Kunsill appella biex is-Semestru Ewropew jinżamm iffukat primarjament fuq il-politiki ekonomiċi, fiskali u tal-impjieg, inkluż dawk rilevanti għat-tranżizzjoni doppja ekoloġika u diġitali, u biex jiġu evitati duplikazzjonijiet u trikkib bejn diversi flussi ta' ħidma ta' sorveljanza, filwaqt li tiġi żgurata l-komplementarjetà.

Fil-konklużjonijiet tiegħu tas-17 ta' Jannar 2023 dwar ir-**Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija 2023**⁶, il-Kunsill ECOFIN laqa' l-analiżi prodotta fid-dokument, li tat bidu għat-tnax-il ċiklu annwali tal-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku, fl-UE u fiż-żona tal-euro.

Il-ministri ħadu nota tal-intenzjoni tal-Kummissjoni li twettaq analiżijiet fil-fond għall-għaxar Stat Membri li esperjenzaw żbilanċi jew żbilanċi eċċessivi fl-2022, kif ukoll għal seba' Stat Membri oħra b'riskju partikolari ta' żbilanċi emerġenti ġodda.

Il-Kunsill issottolinja li l-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi jsaħħu l-kapaċità tal-Istati Membri li jirreaġixxu għax-xokkijiet u jappoġġaw il-konverġenza ekonomika. It-tnaqqis tal-iżbilanċi kollha jwassal għal effetti kollaterali pożittivi fiż-żona tal-euro u l-UE kollha.

⁶ 5124/23

Fl-abbozz ta' Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro⁷ tal-2023, ġie rakkomandat li l-Istati Membri jieħdu azzjoni, individwalment, permezz tal-implimentazzjoni tal-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza tagħhom, u b'mod kollettiv fil-Grupp tal-Euro, għall-perjodu 2023–2024. L-ekonomiji taż-żona tal-euro għandhom isostnu livell għoli ta' investiment pubbliku u jipromwovu investimenti privati, li huma meħtieġa biex tingħata spinta lir-reżiljenza ekonomika u soċjali u biex tiġi appoġġata t-tranżizzjoni doppja ekoloġika u diġitali, inkluż għal żieda fl-effiċjenza enerġetika u għat-tranżizzjoni lejn sorsi tal-enerġija rinnovabbli. Huma għandhom jimplimentaw il-programmi tal-politika ta' koeżjoni u l-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza, filwaqt li jiżguraw it-tweġiq f'waqtu tar-riformi u l-investiment, u jiżguraw li l-aġġornamenti tal-pjanijiet ikunu mmirati, u jqisu s-sitwazzjoni ekonomika li qed tevolvi, filwaqt li ma jnaqqasx l-ambizzjoni ġenerali.

Fir-rigward tal-aspetti soċjali tar-Rakkomandazzjoni dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro⁸, l-Istati Membri ġew imħeġġa jaġixxu f'konformità mal-prattiki nazzjonali u jirrispettaw ir-rwol tas-sħab soċjali, jappoġġaw l-iżviluppi fil-pagi li jtaffu t-telf fil-kapaċità tal-akkwist ta' dawk li jaqilgħu l-paga, b'mod partikolari għall-ħaddiema b'introjtu baxx, filwaqt li jirriflettu l-iżviluppi fil-produttività fuq terminu medju u jillimitaw l-effetti sekondarji fuq l-inflazzjoni. Għandha tittieħed azzjoni biex jiġu żviluppati u adattati, fejn meħtieġ, sistemi ta' appoġġ soċjali biex jgħinu lill-unitajiet domestiċi vulnerabbli jindirizzaw ix-xokk tal-enerġija u t-tranżizzjoni doppja ekoloġika u diġitali, filwaqt li jindirizzaw ir-riskju akbar ta' faqar. L-Istati Membri taż-żona tal-euro għandhom ikomplu jtejbu l-politiki attivi tas-suq tax-xogħol u jieħdu miżuri biex jindirizzaw in-nuqqas ta' ħiliet u jipromwovu impjegi ta' kwalità.

L-adozzjoni tar-Rakkomandazzjoni ser issir wara l-approvazzjoni mill-Kunsill Ewropew tat-23 u l-24 ta' Marzu 2023.

⁷ 5041/23

⁸ 5278/23

Fit-13 ta' Marzu 2023, il-Kunsill EPSCO adotta r-**Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi 2023**⁹. Dan ipprova ħarsa ġenerali annwali lejn l-iżviluppi ewlenin fl-impjiegi u dawk soċjali fl-Unjoni Ewropea, u lejn il-miżuri ta' politika reċenti tal-Istati Membri, skont il-Linji Gwida għall-Politiki dwar l-Impjiegi tal-Istati Membri.

Fl-istess laqgħa, il-Kunsill approva **konklużjonijiet dwar l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir Sostenibbli 2023 u r-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi**¹⁰ fejn appella lill-Istati Membri biex jirriflettu l-prijoritajiet u s-sejbiet taż-żewġ dokumenti fil-Programmi Nazzjonali ta' Riforma tagħhom u biex iżidu l-implimentazzjoni tal-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali biex jintlaħqu l-miri ewlenin u nazzjonali tal-UE għall-2030. Il-Kunsill talab lill-Istati Membri jtejbu l-adeqwatezza u s-sostenibbiltà tas-sistemi ta' protezzjoni soċjali għal kulħadd biex tingħata spinta lir-reżiljenza ekonomika u soċjali, b'kont meħud tat-tnaqqis tal-popolazzjoni fl-età tax-xogħol b'rabta mat-tibdil demografiku.

L-Istati Membri għandhom jinvolvu b'mod sistematiku lis-sħab soċjali, lis-soċjetà ċivili u lil partijiet ikkonċernati rilevanti oħra fil-ħin opportun u b'mod sinifikattiv fl-istadji kollha tas-Semestru Ewropew u taċ-ċiklu tat-tfassil tal-politika, peress li dan huwa kruċjali għas-suċċess tal-koordinazzjoni u l-implimentazzjoni tal-politika ekonomika, tal-impjiegi u dik soċjali.

Il-ministri ħeġġew lill-Kummissjoni biex timmonitorja l-aspetti tal-impjiegi, tal-ħiliet u dawk soċjali tat-tranżizzjoni doppja ekoloġika u diġitali taħt il-qafas tas-Semestru Ewropew, filwaqt li jistennew li l-Pjanijiet Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima jiġu aġġornati.

⁹ 6059/23

¹⁰ 6681/23

Skambji ta' fehmiel u dibattitu ta' orjentazzjoni

Fis-6 ta' Diċembru 2022, l-ECOFIN kellu skambju ta' fehmiel dwar tliet elementi tal-pakkett tal-Ħarifa: l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir Sostenibbli, li ddeskriva l-prijoritajiet tal-politika ekonomika u tal-impjegi għall-UE għal perjodu ta' 12 sa 18-il xahar, ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija li ta bidu għaċ-ċiklu annwali tal-proċeduri ta' żbilanċ makroekonomiku; u r-rakkomandazzjoni għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro li pprovdiet rakkomandazzjonijiet lill-Istati Membri taż-żona tal-euro dwar politiki li jaffettwaw il-funzjonament taż-żona tal-euro kollha kemm hi. Id-dokumenti rispettivi ġew approvati mill-Kunsill ECOFIN fis-17 ta' Jannar 2023.

Fit-8 ta' Diċembru 2022, l-EPSCO kellu dibattitu ta' orjentazzjoni dwar is-Semestru Ewropew, wara l-preżentazzjoni tal-pakkett tal-Ħarifa mill-Kummissjoni. Il-ministri esprimew b'mod ġenerali sodisfazzjon bil-pakkett, filwaqt li qiesu l-prijoritajiet u l-isfidi tiegħu bħala rilevanti u validi. Il-ministri talbu li jinstab bilanċ bejn l-isfidi fuq perjodu medju u fit-tul, u fl-istess ħin li jingħata appoġġ lil gruppi temporanjament vulnerabbli minħabba ż-żieda fl-għoli tal-ħajja kkawżata mill-inflazzjoni għolja u l-ispejjeż għoljin tal-enerġija. Il-ministri qiesu li t-taħriġ u t-tagħlim, bħat-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid, kienu għodod meħtieġa biex jitnaqqas id-distakk bejn in-nuqqas ta' ħaddiema u l-qgħad. Huma enfasizzaw l-importanza ewlenija tal-aspetti tal-politika tal-impjegi u dik soċjali fis-Semestru Ewropew.

Matul l-iskambju ta' fehmiel li sar fit-13 ta' Marzu 2023, il-ministri tal-EPSCO ffukaw fuq il-kompetittività u l-ħiliet. Il-ministri qiesu li hija meħtieġa l-kompetittività biex jinkisbu reżiljenza u prosperità ekonomiċi sostenibbli kif ukoll benessere soċjali. Barra minn hekk, il-kompetittività ser tiffaċilita t-tranżizzjoni doppja ekoloġika u diġitali billi toħloq opportunitajiet għall-kumpaniji u għall-individwi. Il-ministri kienu tal-fehma li l-kompetittività futura tal-ekonomiji Ewropej tiddependi fuq is-sett ta' ħiliet tal-ħaddiema Ewropej, peress li livelli baxxi ta' ħiliet diġitali jistgħu jxekklu t-tkabbir tal-produttività u jkabbiru d-distakk diġitali, li jwassal għal inugwaljanzi. Il-ħiliet huma ċentrali biex titwettaq l-ambizzjoni tal-UE li tikseb in-newtralità klimatika sal-2050 u taħtaf l-opportunitajiet tad-deċennju diġitali, filwaqt li ħadd ma jitħalla jibqa' lura.

Fil-Kunsill Ambjent tas-16 ta' Marzu 2023, il-ministri enfasizzaw il-ħtieġa li jkomplu jiġu esplorati l-benefiċċji soċjoekonomiċi tas-sostenibbiltà ambjentali minkejja l-isfidi ekonomiċi, soċjali u fiskali sinifikanti li jirriżultaw mill-aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Il-ministri indirizzaw il-faċilitaturi ekonomiċi trażversali li jistgħu jikkontribwixxu biex tiħaffef it-tranżizzjoni lejn sistemi ta' konsum u produzzjoni sostenibbli, biex jiġi indirizzat it-telf tal-bijodiversità u jitravwem it-tkabbir ekonomiku. F'dan il-kuntest, il-ministri enfasizzaw li l-indirizzar tad-diskrepanza fl-investment ambjentali, il-promozzjoni tal-ibbaġitjar ekoloġiku u l-eliminazzjoni gradwali tal-fjuwils fossili u sussidji dannużi oħra jista' jkollhom rwol kruċjali fil-faċilitazzjoni ta' tranżizzjonijiet sistemiċi sostenibbli. Il-ministri indikaw ukoll li s-Semestru Ewropew irid jibqa' proċess trasparenti u, f'dan ir-rigward, indikaw l-importanza tal-għarfien u d-disponibbiltà ta' data affidabbli bħala faċilitaturi importanti għat-tranżizzjoni ekoloġika.

Filwaqt li tirrikonoxxi d-dimensjoni Parlamentari tas-Semestru Ewropew, il-Presidenza organizzat b'mod konġunt mal-Parlament Ewropew il-Ġimgħa Parlamentari tas-Semestru Ewropew 2023¹¹ (27-28 ta' Frar 2023) dwar il-governanza ekonomika tal-UE minn perspettiva parlamentari u pparteċipat fid-dibattitu konġunt tal-Parlament Ewropew dwar is-Semestru Ewropew (14 ta' Marzu 2023).

¹¹ [Aġenda - Ġimgħa Parlamentari Ewropea 2023_14.02.pdf \(europa.eu\)](#)